MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2007

Numru 55/2007

Il-Pulizija
(Sp Joseph Mercieca)
vs
Damir Mesic, iben Slavko, imwieled is-Serbia fil-11 ta' ottubru, 1976

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat  talli fit-30 ta' ottubru, 2006 għal ħabta tal-11.30 a.m. fi Triq Pietru Xuereb, Pieta' ikkometta serq ta' għadd ta' 'mobile phone top-up vouchers' tal-Vodafone u telefon ċellulari minn van ipparkjat, bin-numru tar-reġistrazzjoni BBJ 384, għad-dannu tas-soċjeta' Miller Distributors Ltd., liema serq hu aggravate bil-valur li ma jeċċediex l-elf lira maltin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' jannar, 2007 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(ċ)(g), 267, 271(g), 279(a) u 280(1) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' sena priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hem mil-piena tal-priġunerija fi żmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------